MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-27 ta' Ġunju, 2003

Il-Pulizija
(Sp Simon Galea)
vs
Joseph Sammut, iben Antonio,
imwieled Rabat fit-18 ta'
ottubru, 1932

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-8 ta' mejju, 2003 bil-qerq ħoloq jew ġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanzi jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat;
2. talli fit-8 ta' mejju, 2003 iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq ħoloq traċċi

ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
3. talli fit-8 ta' mejju, 2003 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu arma tan-nar jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fit-8 ta' mejju, 2003 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu jew kellu fuqu arma tan-nar u munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. talli fit-8 ta' mejju, 2003 u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-Gżejjer ġarr fuqu arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
6. talli fit-8 ta' mejju, 2003 fl-Iklin, spara arma tan-nar fid-dar tiegħu 'Der Traum', Tal-Balal, limiti ta' l-Iklin li huwa post abitat jew fi qrib tiegħu.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tagħti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta' l-oġġetti eżebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-liċenzja ta' l-armi jew milli jottjeni liċenzji ta' armi għal mhux anqas minn sena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' ġunju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 110(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(1)(1A) tal-Kapitolu 66
tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt liri maltin (Lm100). Tordna l-konfiska ta' l-arma u munizzjon eżebiti fl-atti ta' din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------